FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN 1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

5 ta' Frar 2015

# MINUTI TAL-LAQGHA ANNWALI TAL-LOKALITA' TAS-SITT KUNSILL LOKALI FLORIANA

Il-Laqgha Annwali tal-Lokalita' nzammet nhar it-Tnejn 2 ta' Frar 2015 fis-7.30pm. Ghal-Laqgha Annwali tal-Lokalita' tas-Sitt Kunsill kien hemm prezenti s-Sindku Nigel Holland, il-Vici-Sindku Matthew Paris, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsillier Edward Torpiano flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv S. Flores assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.

L-attendenza kienet ta' 1 persuna.

## BIDU TAL-LAQGHA

Is-Sindku fetah il-laqgha billi spjega li l-iskop ta' din il-laqgha kien li l-kunsillieri jaghtu rapport lir-residenti ta' x'ikun sar fil-lokalita' fis-sena precedenti filwaqt li jaghti indikazzjoni ta' x'inhuma l-pjanijiet tal-Kunsill ghas-sena sussegwenti u kif ser jirriflettu fl-estimi annwali. Is-Sindku spjega wkoll kif bhalma jsir dejjem ir-residenti jkunu jistghu iressqu xi suggerimenti jew ilmenti sabiex ikunu jistghu jigu inkluzi fil-pjanijiet tal-Kunsill.

Is-Sindku Nigel Holland stieden lill-Kunsillier Edward Torpiano, lill-Vici Sindku Matthew Paris, lill-Kunsilliera Davina Sammut Hili u lill-Kunsillier Vincent Borg sabiex jaghtu r-rendikont tal-hidma taghhom matul din l-ahhar sena.

## 1.0 IL-KUNSILLIER EDWARD TORPIANO

Il-Kunsillier Edward Torpiano fetah il-laqgha billi qal li kien ser jitkellem fuq dak li sar minnu fl-ahhar sena.

## MEPA

Il-Kunsillier Torpiano qal li kien jahdem sabiex izomm relazzjonijiet tajba mac-Chairman tal-MEPA, tali relazzjoni kienet mutwali fejn l-entita' dejjem semghet is-suggerimenti tal-Kunsill biex il-lokalita' tinghata l-hajja. Huwa rringrazzja wkoll lill-eks Chairman Vince Falzon u lis-Sur Austin Walker tal-koperazzjoni taghhom.

## KULTURA

Il-Kunsillier Edward Torpiano qal li kien jipprova jaghti s-sehem tieghu a kwantu ta' kulture fejn ghen fl-organizzazzjoni tal-attivita' Genna ta' Gonna... u hafna aktar! kif ukoll organizza festival ta' Christmas Carols f'Dicembru li minkejja d-diffikultajiet, kienu attivitajiet ta' success.

Huwa qal ukoll li jipprova jghin kemm jista' lill-ghaqdiet sportivi kollha tal-lokal minkejja li l-hin tieghu huwa limitat specjalment lill-Floriana Basketball Club fejn ta' kuljum jahdem biex jinstabu sponsorships biex jghinu finanzjarjament lill-ghaqda.

Huwa spicca d-diskors tieghu billi rringrazzja lill-shabu l-kunsillieri u lis-Sindku tal-koperazzjoni li dejjem sab minghandom.

**Nota: 19:35 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat minhabba impenji ohra.**

## 2.0 Il-Vici Sindku Matthew Paris

Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskors tieghu billi qal li din kienet l-ahhar laqgha annwali tal-lokalita' ghal din il-legislatura u ghalhekk xtaq primarjament jirringrazzja lil shabu l-kunsillieri kif ukoll lill-istaff amministrattiv tas-servizz taghhom lejh u lejn il-komunita' Furjaniza.

### Floriana Regeneration Forum

Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li din il-materja kienet ghal qalbu hafna u minn dejjem kienet ix-xewqa tieghu biex jahdem sabiex itejjeb is-sitwazzjoni tal-popolazzjoni fil-lokalita'. Huwa qal li kien sar rapport dettaljat dwar il-housing fil-lokalita' li kien jitratta kemm il-housing socjali kif ukoll dak privat. Huwa qal li minn dan ir-rapport kienu hargu diversi proposti li ser jigu diskussi fil-Floriana Regeneration Forum. Huwa semma l-proposta li jintlahaq PPP sabiex tkun tista' tigi offruta alternattiva ghall-anzjani li jkollhom bzonn joqghu f'dar tal-anzjani. Huwa qal li jhoss li hemm bzonn t'aktar investiment ghall-anzjani specjalment meta wiehed iqis li l-popolazzjoni tal-Floriana hija aging population.

### Isle of MTV

Il-Vici Sindku Matthew Paris ghamel riferenza ghall-kuncert annwali tal-Isle of MTV fejn sostna l-importanza li l-lokalita' tithalla fl-istat li tkun tinsab fih meta jittellghu kuncerti u attivitajiet. Huwa qal li fil-kaz tal-Isle of MTV, is-sitwazzjoni fl-ahhar edizzjoni kienet wahda ferm ahjar u jittama li s-sitwazzjoni tibqa' titjieb kemm fl-Isle of MTV kif ukoll fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet ohra.

### Fondi mill-Unjoni Ewropea

Il-Vici Sindku Paris qal li l-fondi li jistghu jinkisbu mill-Unjoni Ewropea kienu limitati u ghalhekk kien kemmxejn difficli sabiex wiehed japplika u jikseb fondi ghal progetti partikolari. Huwa qal li xtaq jahdem hafna dwar ir-riginerazzjoni tal-Fosos li jhoss li kienet wahda mill-isbah pjazez tal-pajjiz u ghalhekk kien hemm bzonn kbir li tigi kkurata. Huwa semma l-fanali ornamentali li kien hemm bzonn li jigu rrangati minhabba li l-Fosos ilu mitfi xhur shah izda minkejja dan ma kien hemm l-ebda fond li minnu seta' jibbenefika dan il-progett.

Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kienu saru diversi diskussjonijiet dwar ir-responsabbilta' tal-Fosos fejn finalment kien gie deciz li dan jaqa' taht it-tutela tal-Gvern Centrali.

Huwa kompla billi qal li l-Kunsill kien qabbad EU Officer inkarigat sabiex jiehu hsieb il-possibilta' ta' fondi mill-Unjoni Ewropea. Il-Vici Sindku Paris semma progett li kien ippropona u gie approvat, dak tal-Floriana miniature scale fejn il-hsieb hu li jitpogga fil-masgar fi Pjazza ES Tonna. Huwa qal li l-Kunsill kien qed jistenna risposta dwar jekk jistax jibbenefika minn xi fondi sabiex ikun jista' jsir dan il-progett.

## Progetti Infrastrutturali

Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li kienu qed isiru bankini f'Balzunetta u kien ghad fadal ukoll xi bankini ohra x'isiru.

Il-Vici Sindku semma wkoll il-porgett tal-Polverista fejn qal li fil-jiem li gejjin kienet ser tinzamm laqgha mal-kuntrattur sabiex jigi diskuss dan il-progett.

Huwa semma wkoll idea ghal progett iehor Pjazza Sir Luigi Preziosi biswit Binja Preziosi u qal li minkejja li nharget sejha ghall-offerti izda l-offerti kollha kienu jeccedu dak li kien budgeted mill-Kunsill. Huwa qal li ghandha tinhareg sejha ghall-offerti ohra sabiex dan il-progett ikun jista' jsir.

Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-lokalita' tal-Floriana kienet ghal qalbu hafna u jipprova jaghti s-sehem tieghu fejn ta' sikwit jaghti anke servizz pro bono legali lil-ghaqdiet tal-lokal b'mod volontarju.

Huwa temm billi semma lill-eks Kunsillier Anthony Brincat fejn fahhar il-kuragg tieghu u semma kif minkejja l-problemi ta' sahha u l-limitazzjonijiet li kellu jaffaccja, kien jipprova jaghti sehemu. Huwa qal li kien ghenu kemm seta' fejn anke ha f'idejh id-dekasteri tieghu fil-perjodu li kien kunsillier. Huwa qal li ser itemm id-diskors tieghu billi jsellem il-memorja tal-eks kunsillier siehbu, is-Sur Anthony Brincat.

## 3.0 IL-KUNSILLIERA DAVINA SAMMUT HILI

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili fethet id-diskors taghha billi qalet li ser issemmi dak li kien sar matul din l-ahhar sena.

### UTILITAJIET U SERVIZZI

Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li ta' kuljum kienet tiehu hsieb tara li l-lokalita' tkun imdawwla bl-ahjar mod kif ukoll tiehu hsieb li tara li ma jkunx hemm problemi jew hsarat u f'kaz ta' problemi tiehu hsieb li dawn jitrangaw fl-anqas hin possibli. Hija kompliet li minkejja dan ta' sikwit ikun hemm diffikultajiet minhabba li l-Kunsill irid jiddependi mill-kuntrattur jew mill-Enemalta. Hija qalet li ghalhekk tipprova zzomm kuntatti tajbin sabiex tassigura li l-Furjanizi jkollhom l-ahjar servizz possibli.

Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li kienet tkellmet mal-Enemalta sabiex jinbeda process ghat-tiswija u l-manutenzjoni tal-wiring l-antik gewwa l-lokalita'. Hija qalet li kienet ukoll inbidlet is-central hanging ta' Triq il-Miratur c/w Triq Antonio Agius filwaqt li kienet ingiebet l-approvazzjoni sabiex jigi installat iktar dawl fi Triq San Tumas u Triq Sant'Anna.

Hija qalet li minbarra d-dawl, hi tiehu hsieb ukoll is-servizzi tad-drenagg u tal-ilma u b'mod kontinwu taghmel tahdidiet mal-entitajiet koncernati.

### QASAM TAN-NISA

Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li bl-ghajnuna tas-sotto kumitat li tmexxi hi, ta' kull xahar jigu organizzati hargiet ghan-nisa tal-Floriana u qalet li mil-biljetti ta' dawn l-attivitajiet tinzamm ukoll somma zghira sabiex tinghata lill-ghaqdiet tal-lokalita'. Hija qalet li tkompli tahdem sabiex jibqghu jigu organizzati attivitajiet u qalet li minn Settembru bdew jigu organizzati hrug differenti fejnb bis-sapport tal-kumpanija Chemimart, ta' kull xahar jinghataw talks minn tobba differenti dwar diversi aspetti ta' sahha u sbuhija.

Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili semmiet ukoll il-mawra s'Ghawdex li giet organizzata f'Settembru fejn zaru l-lokalita' gemellata mal-Floriana – dik ta' Kercem.

## EDUKAZZJONI

Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li bhalma jsir kull sena, kien gie moghti pakkett ta' kotba lill-istudenti tal-ewwel sena tal-iSkola Primarja kif ukoll pakkett iehor ta' kotba informattivi f'Jum il-Premjazzjoni. Hija kompliet billi qalet li l-Kunsill kien ha sehem ukoll fl-isports day tal-iskola billi pprezenta l-midalji moghtija lit-tfal partecipi. Il-Kunsilliera qalet li kienet ukoll qassmet ktieb lit-tfal fl-okkazzjoni ta' Jum il-Ktieb.

Hija qalet li temmen li l-edukazzjoni ghandha tingħata l-importanza li jixirqilha u ghalhekk b'mod frekwenti tiehu hsieb taghmel laqgħat mas-Surmast tal-iskola biex tara fejn il-Kunsill ikun jista' jghin lit-tfal tal-lokalita'. Hija qalet li l-Kunsill kien ipprovda s-Sala tal-Kunsill sabiex l-iskola primarja tkun tista' torganizza klassijiet taz-zumba bħala fund raising għal-istess skola u semmiet ukoll li organizzat Christmas Carols ghat-tfal tal-iskola.

Il-Kunsilliera Sammut Hili semmiet ukoll korsijiet tal-computer li kienu gew moghtija liz-zghazagh u lill-anzjani matul l-ahhar sena.

## SPORTS

Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li permezz tal-ghajnuna tas-sottokumitat tal-isports, matul is-Sajf kien gie organizzat tournament għat-tfal Furjaniżi flimkien ma' tfal ohra minn madwar Malta. Hija kompliet billi qalet li l-Kunsill kien jappoggja b'mod kontinwu lill-Akkademja ta' Justin Haber sabiex titrawwem il-kultura sportiva. Hija qalet li sa dakinhar erbat itfal furjanizi kienu qed jibbenefikaw mill-ischolarship moghtija minn dik l-akkademja, u li f'Settembru li ghadda kien hemm ukoll zewg intakes ohra fi hdan l-istess akkademja.

Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li kienu gew organizzati zewg tournaments ohra:

1. Sports Day organizzata mill-Kunsill Lokali flimkien mal-iskola Primarja tal-Floriana u li kienet miftuħa għal skejjel oħra minn madwar Malta.

2. Tournament flimkien mal-Floriana Nursery bil-partecipazzjoni tan-nurseries ta' Pieta, Hamrun u Valletta. Hija qalet li matul dan it-tournament kienet intlaghbet loghba bejn in-nursery ta; Floriana u Valletta wara li z-zewg timijiet kienu ilhom ma jilghabu kontra xulxin ghal diversi snin.

Hija qalet li kienu wkoll ingabru donazzjonijiet ghall-Istrina mit-tournaments organizzati.

## BREAST CANCER DAY

Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li ghat-tieni sena konsekuttiva, kienet giet imtella' din l-attivita' f'isem il-Kunsill lokali Floriana bil kollabroazzjoni ta Donna Europa Malta. Hija qalet li ghal din il-mixja, din is-sena kienet attendiet ukoll l-Eccellenza Taghha il-President ta' Malta Marie Louise Coleiro Preca.

## PROPOSTI OHRA

Il-Kunsilliera Sammut Hili semmiet ukoll xi proposti ohra li ressqet matul din is-sena:

- Proposta sabiex tingiref Triq il-Fosos fejn qed jigi evalwaqt x'jista' jsir grazzi ghall-Perit tal-Kunsill;
- Proposta biex jigu rrangati tnejn mir-rampi ta' taht il-logog sabiex ikunu iktar siguri ghar-residenti;
- Proposta sabiex residenti li ghandhom inqas minn sittin sena izda m'ghandhomx tfal li ghadhom joqghodu l-Floriana, ikunu intitolati ghal permess taht l-iskema ta' parkegg residenzjali;
- Proposta ohra biex il-bankina ta' hdejn Binja Vilhena jkollha paviment bhall-kumplament tal-art.

Il-Kunsilliera Sammut Hili temmet id-diskors taghha billi rringrazzjat lill-membri tas-Sotto Kumitat ghall-Avvanz tal-Mara - is-sinjuri Lorainne Roberts, Marianne Cefai, Antoinette Cauchi, Rose Hili u Sandra Sammut Hili u lill-membri tas-sotto kumitat taz=Zaghzagh u Sports lis-sur Charlie Farrugia, Florian Piscopo, Peter Mousu, Ray Debattista u Erik Debattista.

Hija qalet li xtaqet ukoll tirringrazzja lill-kunsillieri shabha li minkejja battibekki, ilkoll kellhom tragward wiehed: dak li jsebbhu u jtejjbu lil-lokalita' tal-Floriana. Il-Kunsilliera Sammut Hili sellmet ukoll il-memorja tal-eks Kunsillier Anthony Brincat.

Il-Kunsilliera Sammut Hili rringrazzjat ukoll lill-istaff amministrattiv kif ukoll lill-haddiema manwali u l-haddiema tal-ETC.

Hija qalet li kien ta' privilegg u unur ghaliha li serviet kemm bhala Sindku u kif ukoll bhala Kunsilliera ta' din il-lokalita' bi storja kbira li hi tant ghall-qalbha – lokalita' li fiha twieldet u trabbiet.

## 4.0 VINCENT BORG

Il-Kunsillier Vincent Borg fetah id-diskors tieghu billi ta rendikont ta' dak li kien sar f'din l-ahhar sena.

### XOGHOLIJIET

Il-Kunsillier Borg qal li matul din is-sena kien sar numru ta' xogholijiet kemm fuq il-bankini kif ukoll fit-toroq tal-lokalita'. Huwa qal li kienet qed titkompla l-bankina ta' triq il-Konservatorju li ser issir bil-porfido kif ukoll ser jitwahhlu bollards godda. Il-Kunsillier Borg qal li gew irrangati numru ta' bankini ohra fi Triq il-Miratur, Triq San Tumas, Triq is-Suq, Triq Antonio Agius, Trejqet il-Fosos u Trejqet l-Imhazen kif ukoll kienet giet irrangata r-rampa ta' Pjazza Robert Samut sabiex ikun hemm access ahjar ghall-klinika tal-Gvern.

A kwantu ta' toroq, il-Kunsillier Borg qal li kien sar patching f'dawn it-toroq: Triq il-Fosos, Pjazza Sir Luigi Preziosi, Triq il-Miratur, Triq Sarria, Triq V. Dimech u Triq JJ Mangion. Huwa qal li qed ikompli jsir xoghol mill-haddiema tal-Kunsill fuq il-Fosos sabiex jitnaddfu l-fili mill-haxix hazin – tali xoghol kien sar anke fi Pjazza Robert Samut.

### GONNA U SOFT AREAS

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien ha hsieb li ssir zabra fi Gnien Sir Luigi Preziosi , fic-Centru Rikreattiv ir-Re Gorg V, Triq Sarria u Pjazza Emanuel S Tonna. Huwa semma wkoll il-bankijiet li twahhlu fi Gnien Sir Luigi Preziosi li jharsu fuq il-bahar.

Huwa qal ukoll li s-soft areas kienu qed jissaqqew mill-kuntrattur imqabbad mill-Kunsill sakemm jinstab mezz kif jerga' jibda' jintuza l-bir.

### ZAMMA TAL-ORDNI U GWARDJANI LOKALI

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li l-gwardjani lokali kienu qed jibdew xoghol fis-6.30am sabiex jigi mnaqqas l-abbuz relatat mal-indafa. Huwa qal li jhoss li l-gwardjani lokali ma kienux qed jimxu bl-istess mod ma' kulhadd u kienet ingibdet l-attenzjoni tal-kumpanija taghhom dwar dan in-nuqqas.

Huwa kompla billi semma s-Sotto kumitat ghall-harsien tac-cittadin (membri: il-Kunsillier Vincent Borg, Joseph Gauci bhala Chairman, Vincent Borg bhala Segretarju u s-sur Joseph Debattista bhala membru) u qal li san is-sottokumitat kien jiltaqa' regolarment mal-Pulizija u joffri diverdi

proposti u suggerimenti. Huwa kompla billi appela lir-residenti sabiex jekk jaraw xi haga, jikkuntattjaw lilu, lill-Pulizija jew lil xi membru tas-sottokumitat sabiex tkun tista' tittiehed azzjoni.

## Traffiku u Parkegg

Il-Kunsillier Vincent Borg qal li jiehu hsieb li jsir rinfreskar taz-zebgha tat-triq skont il-bzonn kif ukoll jiehu hsieb it-tabelli tat-traffiku. Huwa qal li jibqa' jittama li Triq Sarria terga' tigi one way ghall-Belt Valletta sabiex ikunu jistghu jergghu jinkisbu l-ispazji ta' parkegg li ntilfu. Huwa qal li jkompli jahdem sabiex jizdiedu spazji ta' parkegg u jifhem li l-parkegg huwa u jibqa' problema kbira fil-lokalita'.

Il-Kunsillier Borg temm ir-rapport tieghu billi sellem lill-eks Kunsillier Anthony Brincat u billi rringrazzja lill-kunsillieri shabu u lill-istaff kollu tal-Kunsill Lokali Floriana tax-xoghol u l-impenn taghhom.

## 5.0 Is-Sindku Nigel Holland

Is-Sindku Nigel Holland qal li mir-rapporti li saru mill-kunsillieri shabu, kienet tidher il-hidma kbira li saret mill-Kunsill u minn kull wiehed u wahda mill-kunsillieri. Huwa qal li x-xoghol kien sar b'impenn u dedikazzjoni u rringrazzja lill-kunsillieri tal-esperjenza sabiha ta' dawk l-ahhar tliet snin filwaqt li awguralhom kull success ghall-elezzzjonijiet f'April. Huwa kompla billi rringrazzja lill-istaff tal-Kunsill li jaffacjaw lir-residenti ta' kuljum tal-hidma taghhom.

Is-Sindku kompla billi qal li l-allokazzjoni tal-Gvern lill-Kunsill kienet ta' madwar €333,000 u semma wkoll li l-Kunsill kien qed jippjana li jdahhal €26,000 minn skemi governattivi kif ukoll li jkollu xi dhul minn citazzjonijiet, permessi, sponsorships u xi fondi ohra dovuti mill-progett GARDMED kif ukoll mill-Awtorita' tad-Djar. Huwa qal li ma kienx qed jigi kkalkulat l-hlas bhala multa u danni a kwantu tal-kaz tac-Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena li kien qed jinstema' quddiem l-arbitragg.

Is-Sindku qal ukoll li huwa anticipat li jkun hemm zieda fl-infiq tas-salarji minhabba increments u l-gholi tal-hajja.

Is-Sindku kompla billi qal li l-Kunsill kien qed ikompli jahdem sabiex jirrevedi l-ispizi rikorrenti sabiex inaqqas l-ispejjez fejn hargu sejhiet ghall-offerti godda sabiex inaqqsu l-ispejjez tal-Kunsill. Huwa qal ukoll li hafna mix-xogholijiet ser jibdew isiru mill-haddiema tal-Kunsill minflok mill-privat u dan sabiex il-Kunsill ikompli jiffranka fl-ispejjez tieghu.

Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li l-Kunsill kien qed jipprogetta infiq fuq xi attivitajiet bhalma huma l-Festival Nazzjonali tal-Loghob tan-Nar tal-Art Mekkanizzat kif ukoll Genna ta' Gonna u hafna aktar! li jsiru b'mod annwali. Huwa semma wkoll l-ipprogettar ta' spiza fis-sular ta' fuq tad-Dar tal-Kunsill, progett li kellu jitlesta dalwaqt.

**Saru xi interventi minn dawk prezenti li fil-qosor huma dawn :**

**Kunsillier Vincent Borg** – qal li jhoss li gew iffrankati eluf ta' ewro peress li ma kienetx inzammet l-attivita' Celebrazzjoni Nazzjonali Lejliet l-Ewwel tas-Sena.

*Is-Sindku Nigel Holland qal li ma jaqbilx ma' dan ir-ragunament minhabba li li kieku saret l-attivita' dik is-sena, in-nefqa kienet ser timpatta l-finanzi tas-sena ta' wara.*

**Sandra Sammut Hili** – saqsiet jekk hemmx pjanat li jsiru bankini ohra minbarra dawk f'Balzunetta.

*Is-Sindku Nigel Holland qal li ser jitkomplew il-bankini f'Balzunetta u bankini ohra quddiem il-Kurja fi Pjazza San Kalcidonju u bankina fi Triq V. Bugeja. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li minkejja dan kien hemm fondi ivvutati ghal dawn ix-xogholijiet. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Kunsill tas-seba' legislatura jista' jbiddel jew izid mad-decizjonijiet tal-Kunsill prezenti.*

**Tmiem il-laqgha:**

Il-laqgha ntemmet fit-8.15 p.m.

**Nigel Holland**
**Sindku**

**Svetlick J. Flores**
**Segretarju Ezekuttiv**